**26 ta' Awissu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Coleiro

**Piena - Sentenza Sospiża - Artikolu 28H**

*Huwa veru li l-liġi, fl-artikolu 281 (2) (c) tal-Kodiċi Kriminali, ma tippermettix li jsiru appelli minn xi direttiva taħt l-artikolu 28H, iżda ġaladarba jsir appell mill-piena ta' priġunerija, jekk l-appell jintlaqa' u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tbiddel dik il-piena ta' priġunerija f'piena ta' xi xorta oħra, ikun hemm lok li tinbidel anke d-direttiva taħt l-artikolu 28H li hi konsegwenzjali għal dik il-piena ta' priġunerija.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Joseph Coleiro talli f'dawn il-Gżejjer fis-27 ta' Marzu, 1995 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi azzjonijiet magħmula minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li saru b'riżoluzzjoni waħda, bħala l-proprjetarju jew konsumatur tal-fond "Emvan" Triq il-Folklor, Qajjenza, Birżebbuġa, b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' ilma tax-xorb mill-kanna ta' l-ilma li kienet imqabbda direttament mal-*main* ta' l-ilma u li magħha ma kien hemmx *meter*, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, ħin u valur ta' sitt mija u sebgħa u

sebgħin lira Maltija u disgħa u tmenin ċenteżmu (Lm677.89), għad-dannu tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Ottubru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Coleiro ħati ta' serq kontinwat ta' ilma, aggravat biss bil-mezz, u kkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija sospiża għal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9, kif ukoll ikkandannatu jħallas lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fi żmien sitt (6) xhur is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) liema somma ġiet stabbilita minn dik il-Qorti bħal kumpens u dana *ai termini* ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Coleiro minnu ppreżentat fl-20 ta' Ottubu, 1997, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bażikament dawn: (1) illi ġaladarba l-Ewwel Qorti eskludiet l-aggravji ossia l-kwalifiki tal-ħin u tal-valur fir-rigward tas-serq ma setgħetx imbagħad tikkundannah iħallas danni, in linea ta' kumpens, fis-somma ta' Lm700; (2) illi ma kien hemm ebda prova illi effettivament sar serq ta' ilma; u wisq anqs għalhekk kien hemm prova ta' l-ammont ta' ilma misruq; (3) li ma kien hemm ebda prova tan-natura kontinwata tar-reat; u (4) li l-piena kienet eċċessiva;

L-appellant għandu raġun in parti biss. Huwa veru li l-valur ta' l-ilma misruq qatt ma ġie determinat ossai kkwantifikat skond il-liġi, u ċertament għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx ġustifikata li tordna l-ħlas ta' kumpens f'ammont ta' seba' mitt lira. Huwa veru li l-liġi, fl-artikolu 28 (2) (ċ) tal-Kodiċi

Kriminali, ma tippermettix li jsiru appelli minn xi direttiva taħt l-artikolu 28H, iżda ġaladarba qed isir appell ukoll mill-piena ta' priġunerija, jekk f'dan ir-rigward l-appell jintlaqa' u din il-Qorti tbiddel dik il-piena ta' priġunerija f'piena ta' xi xorta oħra, ikun hemm lok li tinbidel anke d-direttiva taħt l-artikolu 28H li hi konsegwenzjali għal dik il-piena ta' priġunerija;

L-appellant jammetti li hu għamel il-komunikazzjoni, bi ksur tal-liġi, bl-iskop li jieħu l-ilma sabiex il-ħaddiem li kien qabbad ikun jista' jkompli jagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni. Infatti, meta xehed fis-27 ta' Marzu, 1995, quddiem il-perit tekniku Philip Zammit hu qal hekk:

"Il-*plug* li kien qed isodd din il-fergħa neħħejtu jien stess. Din il-fergħa (kanna ta' l-ilma), kienet preparata biex magħha jiġi stallat il-*meter* ta' l-ilma tal-*flat* t'isfel. Għamilt din il-komunikazzjoni peress li kelli bżonn xi ilma biex inkompli bix-xogħol tat-taraġ ta' dawn il-*flats*. Fil-fatt din il-komunikazzjoni għamiltha dalgħodu stess. Għandi ngħid li l-ilma li ġie kkunsmat minn din il-komunikazzjoni dirette kien ftit u fil-fatt ġie użat biex isir it-tajn ħalli jiġi livellat it-taraġ li jagħti għal dawn iż-żewġ *flats*" (sottolinear tal-Qorti);

Minn din l-ammissjoni ta' l-appellant jirriżulta għalhekk is-serq, anke jekk f'ammont żgħir, ta' ilma. Il-prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li din il-komunikazzjoni kienet hemmhekk f'xi ġranet oħra, jew li ttieħed ilma f'xi ġranet oħra. Għahekk il-provi kienu jwasslu għal serq ta' ilma, ikkwalifikat bil-mezz (artikolu 264 (1), Kap. 9), iżda mingħajr il-kwalifika tar-reat kontinwat (artikolu 18, Kap. 9);

Kwantu għall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tat-tenwità tas-serq kif ukoll tal-fatt li l-appellant mill-ewwel ammetta dak li kien għamel u wara li rat il-fedina penali nadifa

ta' l-istess appellant - ċirkostanzi kollha, dawn li jimmilitaw favur l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali - tkun fiċ-ċirkostanzi aktar opportuna l-piena pekunjarja milli dik ta' priġunerija;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet l-element ta' reat kontinwat fir-reat tas-serq ikkwalifikat bil-mezz, u għalhekk qed tiddikjara lill-appellant ħati biss ta' serq ikkwalifikat bil-mezz b'dan ukoll li l-valur tal-ħaġa misruq ma kinitx ta' aktar minn għaxar liri (artikolu 278 (4), Kap. 9); (2) tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija sospiża għal sena, kif ukoll fejn ordnatlu jħallas Lm700 bħala kumpens lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, u minflok dik il-piena u dak il-kumpens, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah multa ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'ħamsin (50) ġurnata priġunerija; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, ċjoè inkwantu ma sabitx l-aggravji tal-ħin u tal-valur fir-rigward tas-serq.